MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 330/2008

**A B C D**

**-vs-**

**E D xebba F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C D, fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-2 ta' Jannar 1996, fir-Registru taz-Zwieg, Valletta, kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi l-partijiet ghexu biss ftit zmien flimkien wara li zzewgu imbaghad isseparaw de facto u ilhom jghixu mifruda minn xulxin ghal aktar minn disa' snin issa.

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg [Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta];

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ta’ l-att taz-zwieg [Artikolu 19 (1)].

Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet kien marbut ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur [Artikolu 19 (1) (g)];

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta’ l-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (g) u/jew (h) ta’ l-Att dwar iz-Zwigijiet (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, iz-zwieg bejn il-partijiet ghar-ragunijiet suesposti, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-Artikoli 19 (1) (d), (f), (g), (h) u 19A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Il-Qorti tinnota li, ghalkemm ir-rikors guramentat tal-attur isejjes it-talba ghad-dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg fuq diversi kawzali, l-unici provi li ngabu lill-Qorti huma affidavit tal-attur u iehor tal-konvenuta.

Jirrizulta mill-provi prodotti li l-partijiet izzewgu f’Jannar tal-1996. L-attur xtaq ikollu ulied mal-ewwel u fuq hekk ma qablux. Il-konvenuta baqghet tevita l-possibilita’ ta’ tqala sakemm ir-relazzjoni tkissret u l-attur illum qed jghix ma’ mara ohra li maghha kellu diversi ulied.

L-attur jixhed hekk:

“Jien kont nipprova li jkolli ulied minn E pero’ kont bdejt ninnota li hi kienet bdiet taghmel minn kollox biex tevita li titqal. Din is-sitwazzjoni kienet bdiet iddejjaqni u wara ftit bdiet anke tifrustrani. Jien bdejt nippressaha u t-twegiba taghha kienet sempliciment li telqet mid-dar fejn konna noqoghdu.

Wara tlett xhur li ghamilna mifrudin, f’liema perjodu ahna ma konniex wisq fittixna lil xulxin, ergajna provajna nibdew nghixu flimkien. F’dan il-perjodu konna biddilna anke d-dar u morna noqoghdu mill-Imsida ghall-Mellieha. Jien ergajt ipprovajt ikolli t-tfal pero’ kien kollu ta’ xejn ghax E ma riditx iccedi. Ghalhekk, wara tlieta jew erba’ xhur flimkien, ahna ergajna nfridna u din id-darba kienet ghal dejjem.”

Il-konvenuta min-naha taghha tikkonferma:

“Nghid illi wara ftit xhur li ghamilna nohorgu flimkien, A, erhiela jkellimni fuq is-suggett tal-familja. Huwa kien jghidli li f’pajjizu kienet naturali li mizzewgin ikollhom hafna tfal u hu kien jghidli li xtaq hafna tfal minni ukoll. Jiena ma kont niehu xejn gost b’dan il-kliem ghal bosta ragunijiet.

Infatti jien kont inhoss li kont ghadni zghira biex ikolli t-tfal ghax xtaqt li l-ewwel ingawdi ftit snin ta’ hajja mizzewga bla tfal kif jaghmlu bosta koppji. Ukoll jien kont kuntenta hafna fil-post fejn kont nahdem u ma ridtx nieqaf nahdem minhabba li ninqabad tqila. Raguni ohra kienet li kont smajt b’hafna kazijiet ta’ nisa mizzewgin lill-barranin li kien ikollhom it-tfal u wara kellhom irabbuhom f’religjon ohra. Din il-haga jien qatt ma ridtha u ma kont qatt lesta li naccettah.

Nammetti li jiena zbaljajt meta bqajt ma ghidt xejn lil A dwar dawn ir-ragunijiet. Nammetti ukoll li fizikament jien kont migbuda lejh u xtaqtu li jkun tieghi, pero’ bil-kundizzjonijiet li ridt jien u li bqajt nahbi minnu bl-isperanza li huwa jkollu jaccettahom peress li kien barrani u kien jehtieglu jizzewwigni biex zgur ikun jista’ jibqa’ Malta.”

Dawn il-Qrati, f'din is-sitwazzjoni, esprimew ruhhom hekk:

"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens." ("John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-2 ta' Jannar 1996 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------